

Brussell, 26 ta' Lulju 2021  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0235(NLE)**

---

11037/21  
ADD 1

CCG 43  
CLIMA 204  
ENV 546  
ENER 341

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 418 final - Annex
Suġġett:	ANNEX ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tar-reviżjoni tal-Ftehim Settorjali dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni għall-Proġetti ta' Ġenerazzjoni tal-Elettriku Fgwidati mill-Faħam li jinsab fl-Anness VI

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 418 final - Annex.

---

Mehmuż: COM(2021) 418 final - Annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.7.2021  
COM(2021) 418 final

ANNEX

## ANNEX

ta'

### Proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tar-reviżjoni tal-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Proġetti ta' Ġenerazzjoni tal-Elettriku Fgwidati mill-Faħam li jinsab fl-Anness VI**

**ANNEX**  
**SUĠĠERIMENT**

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija li tappoġġa:

- (1) It-tmiem immedjat tal-ġhoti ta' krediti għall-esportazzjoni appoġġati b' mod uffiċjali u ta' għajjnuna marbuta għal:
  - (a) L-esportazzjoni ta' proġetti ġodda ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam jew partijiet minnhom.

Proġetti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam huma impjanti tal-enerġija kompleti, jew partijiet minnhom, li jaħdmu bil-faħam; jinkludu l-komponenti, it-tagħmir, il-materjali u s-servizzi kollha (inkluż it-taħriġ tal-personal) li huma meħtieġa b' mod dirett għall-kostruzzjoni u għall-kummissjonar ta' stazzjonijiet tal-enerġija bħal dawn.
  - (b) Il-provvista ta' tagħmir lil impjanti eżistenti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam, sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
    - (i) L-iskop tat-tagħmir fornut huwa t-tnaqqis tat-tniġġis.
    - (ii) It-tagħmir ipprovdut la jwassal għal estensjoni tal-ħajja utli tal-impjant u lanqas għal żieda fil-kapaċità.
- (2) It-tmiem immedjat tal-forniment ta' krediti għall-esportazzjoni appoġġati b' mod uffiċjali u ta' għajjnuna marbuta għall-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi relatati ma':
  - (a) L-iżvilupp, il-kostruzzjoni jew l-espansjoni tat-tħaffir għall-faħam termali. Dan jinkludi l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-produzzjoni tal-faħam termali u l-infrastruttura assoċjata miegħu.
  - (b) Kwalunkwe tip ta' trasport (inklużi modi ta' trasport u infrastruttura assoċjata) użat b' mod predominanti għaċ-ċaqliq tal-faħam termali.

Il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal proġetti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku mill-faħam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni u jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Appendiċi II tal-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Enerġija Rinnovabbli, il-Mitigazzjoni u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, u l-Proġetti tal-Ilma (l-Anness IV). It-termini u l-kundizzjonijiet finanzjarji applikabbli għal tali proġetti għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness IV.

Il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2, għandhom japplikaw għall-esportazzjonijiet kollha ta' oġġetti u servizzi koperti mill-Arranġament, inkluż meta koperti minn Ftehimiet Settorjali.

L-implimentazzjoni ta' din il-proposta tista' twassal għal bidliet fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Proġetti tal-Ġenerazzjoni tal-Elettriku mill-Faħam li jinsabu fl-Anness VI, kif ukoll potenzjalment għad-dispożizzjonijiet tal-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati, speċjalment l-Artikolu 6 tiegħu.